# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

22. 30 TA' JANNAR 1909. L-EUUEL SENA

## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftieħmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Ħadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament.

Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Giovanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P,L. *Direttur-Proprietarju.*

# Il Frustieri f' Malta.

F'numri ta' kabel ta' dina il gazzetta tħadditt f'it-tul fuk il frustieri f'Malta; illum sejjer inżid xi ħaġ'oħra li giet f'rasi minn dac iż-żmien il haŭn.

F'daŭc l'articoli kassamt il frustieri f'daŭc li jġibulna il flus f'pajjisna u f'daŭc li inakkrulna ħobżna; u fehimtcom xi ħaġa x'għandu ŭieħed jagħmel biex jiġbed lil ta' l-eŭŭel u chif igherrex il ta't-tieni minn dina il gżira.

Għedtilcom li biex niġbdu lil daŭc il frustieri li f'pajjisna igibulna ir-risk hemm bżonn li ŭieħed joħolkilhom il cumdità ta'lucandi u ta'd-divertimenti. Illum ma daŭn irrid inżid ħaġ'oħra, jgifieri li hemm bżonn li nagħmlu chemm nistgħu biex inneħħu minn fuk Malta il fama ħażina li ŭakgħet imħabba f'il misħut deni li m'hux biss kiegħed ibażża il frustieri biex ma jiġux Malta, iżda li gherrex ucoll xi frustieri biex ma bakgħux jokogħdu iżjed haŭn.

Għaldakstant hemm bżonn li il Gvern jagħmel chemm jista biex jekred dina il marda ghal collox minn Malta; u għandi tama kaŭŭija li bħal ma irnexxielhom li jekirduha m'il flotta hecc ucoll jirnexxilu il Gvern li jekridha minn daŭn il gżejjer; u naħseb li ŭara il ħafna studji sbiħ li għamlu fuk dina il marda iż-żeŭŭ tobba intelligenti Bruce u il Professur Temi Zammit il ħaġa ma għadiex diffiċili bħal ma chienet kabel.

F'it-23 ta' dana ix-xahar inħasset f'bosta bnadi ta'd-dinja tgħeżżiża cbira ta terremot li ma jafux fejn ħabtet kaŭŭi. Inħasset sa f'Capetown. Kabel din chienet għamlet tgħeżżiża oħra kaŭŭija fi Smirni u f'ir-rhajjel Focea ŭakgħu ħafna djar u mietu xi nies.

F'Pietroburgu, belt capitali ta'r-Russja kiegħda taħchem seŭŭa il corla u mietu ħafna nies.

Iż-żgħażuħ American Alfred Harrison ŭaħħal f'rasu li għandu jasal f'il Polo Nord fuk li slitti migbudin m'il clieb; u f'loc li jitlak f'is-sħana meta jdub is-silġ, irid jagħmel il vjaġġ f'ix-xitŭa, fuk is-silġ u b'il-lejl għaliex jiħem li għandu jasal aħjar. Irid idum gej u sejjer għal mitejn u sittin jum u jrid jimxi ma't-tliet telef mil. Jalla jirnexxi f'il ħsieb sabiħ tiegħu u għallankas ŭara li intilfu tant nies kalbiena bħal Franklin, Andrè u oħrajn jasal fejn ilhom tant jitħabtu u jixtieku li jaslu.

Fl-Indja u f'Guyaquil dehret il pesta.

Għerek in-naħħa ta' Chili il vapur taljan "Santiago" Il passiggieri salvaŭ collha.

Is-Sur Josiah Vavasseur C. B., Direttur ta'l Cumpannija ta' Sir W. G. Armstrong, Whitworth and Co. ħalla mija u ħamsin elf lira carità.

Ŭieħed sinjur li tasseŭ għandu idejh miftuħa daks chem għandu kalbu tajba ta għoxrin elf lira biex jintefku fl-Isptar ta' Londra biex jistudjaŭ il mardijiet; u dana il galantom ħankas biss ried li jissemma ismu! Carita cbira u magħmula tasseŭ chif imiss!

L-Ambaxxatur Conti Von Lutzow ta' l'ir-Regina Elena ta'l Italja is-Salib Cbir ta'l Ordni ta' Santa Eliżabetta għal ħila li ŭriet biex tgħin l-imsejcnin ta't-terremot ta' Messina.

L-Imperatur ta'l Germanja ucoll bagħtilha, għal l-istess ħaġa, l-Ordni ta'l Luisa.

Fl-Indja, fl-1908, mietu, 148,700 ruħ b'il pesta u f'is-sena ta' kabel 1,316,000.

Il Papa ġabar flus għal l-imsejcnin ta't-terremot ta' Messina u ta' Reggio ma't-80,000 lira sterlina. L'Iskof tagħna ġabar ma'l mija u għoxrin minnhom, somma sabiħa ħafna għal Malta u għaż-żmienijiet li aħna fihom.

Il Flotta ta'l Canal Ingliż sejrin inakksu minnha u sejrin joħolku flotta f'il Bahar ta' fuk billi jibżgħu m'il Germanja, u ma għandhomx biża minn Franza. Il flotta ta'l Baħar ta' fuk tcun taħt il cmand ta'l Armirall Mad u dic ta'l Canal taħt il cmand ta'l Armirall Scott.

# Il Consill ta'l Gvern

Il President chien l-Lmħallef Carbone. Il Membri collha chienu hemm barra minn tnejn.

Għal mistoksija li għamel l-Avucat u Marchis Mattei jech hux tasseŭ li f'zeuġ spiżżeriji sabu medicini imħaltin bi ħŭejjeġ li jagħmlu id-deni f'is-saħħa is-Supraintendent ta's-Sanità kal li iva, u kal li daŭna geŭ imħarrchin chif tgħid il-Ligi u li il medicini ħżiena geŭ makbuda.

Meta l-istess Cunsilier talab copja ta'r-rapport ta'l-Cummissjoni li saret biex Ta'l Orfni jintgħakad ma's-Salesjani is-Segretarju kal li ir-rapport irceveŭħ il jum ta kabel biss, iżda chellu għa's-seduta ta ŭara jatihom il copia li intalbet.

Għaddiet is-somma ta 12 739 lira għa'n-nefka ta's-sena.

Tħaddtu ucoll fuk l-Ordinanza li ressak l-Avucat ta'l Curuna biex jiseŭŭeu xi ligijet criminali. Dana hemm bżonn li jsir hafna u nitma li ma idumux ma jiseŭŭeu il-ligijiet commerċċjali ucoll billi l-aħħar ligijet saru ħamsin sena ilu, u minn ħamsin sena il haŭn id-dinja inkalbet ta taht fuk.

L-Avucat ta'l-Curuna ressak ucoll Ordinanza sabiħa ŭisk u li cullħadd lakagħha b'il ferħa, igifieri biex issir ligi biex iħarsu il monumenti u il ħŭejjeġ kodma ta Malta,

Uaħda m'il ligijiet ġodda li għaddeŭ hi dic li meta it-tfal żghar jagħmlu xi ħaġa hażina jeŭ xi contravvenzzjoni.

Dina il-ligi għaddeŭha il membri collha, barra m'is-Sur Cicc Azzopardi u is-Sur Micallef. Tasseŭ li hi ftit karsa iżda b'riħet hecc xi missierijiet u xi ommijiet jiftħu għajnejhom ftit aħjar fuk uliedhom u jfittxu li jrabbuhom ftit aħjar.

Billi it-tardaŭ xi ħŭejjeġ oħra li chellhom jidhaddtu fukhom kalleŭhom għal seduta oħra.

Da'l ġranet ħalliet dana il ŭied ta'd-dmugħ mibchija minn cull min chien jafha is-Sinjura

**LORENZA FENECH**

mart il mejjet Negozjant Rusar, ta' 73 sena. Chienet mara tajba u ħanina u rabbiet f'il biża t'Alla l-uliedha.

Lil ħabib għażiż tagħna, is-Sur Gużè Muscat-Azzopardi li hu miżżeŭŭeġ ma bintha u lil familja collha natuhom il għomor b'kalbna collha u Alla jatihom is-sabar u lilha il mistrieħ ta' dejjem.

Billi is-Sur Muscat-Azzopardi għadu iħossu ħażin u gieħ ucoll il vistu icollna nibagħtu d'il gimgħa ucoll minngħajr Colonna Sagra li kiegħda tant tintgħoġob.

Da'l ġranet mort għand Ġanni Bonello ta' bisŭit Singer ta' Strada Rjali u rajtlu collezzjoni cartolini ta't-terremot ta' Messina u Reġġjo sabiħa ŭisk, u għalhecc, min jeddi, sejjer inħajjar lil daŭc li jixtieku jżommu tifchira ta' dana il cbir disastru biex jixtru collezzjoni, u l-actar billi ma tkumx ħlief tmintax irbigħi ta' 24 cartolina. B'il ŭaħda sold u nofs. Araŭha u titħajjru sgur.

Billi l-Istamperija ħaċniha flimchien ma dic ta's-Sur Critien min icun irid xi ħaġa ifittixni jeŭ jictibli id-dar, Strada S. Vincenzo, 12 Ta's-Sliema, u f'il għodu m'id-disgħa sa' nofs inhar il Korti t-isfel ta'l Belt.

A. Levanzin

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil M. G.** (Sliema).

Sejjer ingiblec xi krajt ftit ilu f'id-"Daily Telegraph" fuk il bini ta'l America biex nakkaghlec xeŭktec u tcun taf xi progress kiegħed isir hemm fl-architettura. Jiena f'numru ta' kabel ta'n-"Naħla" ġa gibt il għoli ta' xi bini fl-America u jidhirli li għedtlec li il Palazz ta'l Metropolitan Life Insurance hu għoli darbtejn daks il Catidral ta' S. Paŭl ta' Londra u li issa kiegħed isir ieħor li jħabbatha ma't-Torri Eiffel ta' Parigi.

Issa sejjer jimbena palazz li jcun l-acbar biċċa bini ta'd-dinja. Dina jcun fiha tmienja u tletin sular il fuk minn ŭiċċ l-ard u sitt sulari taħt l-ard, u dana ġa inchera b'200,000 lira ċnus. Il bini sejjer ikun 775,000 lira u jcun collu madum u terra cotta u sejjer jimbena f'in-numru 15 ta' Broadway fejn l-ard tkum il belli flejjes. L-Architett hu Mr: Hazlitt, u dan kal il cmamar ta' taħt l-ard icunu tajbin għa's-saħħa daks daŭc ta' fuk billi jcunu ivventilati ferm. F'dal palazz collu ma tidħolx daks sulfarina injam iżda biss metall biex ma jistax jiġri l-ebda ħruk. B'collox sejrin jidħlu ma'l għaxar t'elef tunullata azzar u 12 il miljun tunullata madum. Billi fi New-York sejra toħroġ liġi fuk il bini biex ma tħallix lil cullħadd igħolli chemm iriċ, in-nies ta' hemm ġa ħaddmu rashom u studjaŭ chif dac li ma jcunux jistgħu igħollu il fuk minn ŭiċċ l-ard igħolluh l-isfel. U dana jagħmluh għaliex l-ard hemm u l-actar f'it-torok principali titthieħed bi flus cbar ŭisk u għalhecc jecc ŭieħed fuk l-arja li jcollu ma jkassamx ħafna bini biex igib ħafna chera ma jakbillux jibni. Għalihom billi jitilgħu u jinżlu f'id-djar b'il-lift il għoli ma jfisser xejn bħal ma jfisser għalina; u billi is-sakaf icun ta'l ħadid jistgħu jgħollu chemm iridu bla biża ta' tiġrif. Min jaf Messina chif sejrin jibnuha?

**Lil C. Bonett** (Il Belt).

Jiena ma nafx ingħidlec chemm hawn f'Malta TLIETA TEUMIN Jecc xi ħadd m'il l-imsieħbin irid igħarrafni ingiblu it-tŭiegiba f'in-"Naħla."

**Lil E. Ellul** (Ħal Chircop).

Jiena irrid nistaksilec għad-domanda tiegħec. Malli incun naf inŭiegbec.

**Lil Salv: Duca** (Ħal Axak).

Iva; minn jixhed għandu jgħid dac li jaf collu barra minn dac li jista jgħarrak bih lilu in-nifsu. Mela dac li jista jgħarrak lil l-oħrajn għandec tgħidu collu u jecc ma tgħidux jeŭ tnakksu tcun ħadt ġurament falz.

**Lil C. Giacomotto** (Ħamrun).

Dac li chtibtli hu interessanti ħafna iżda kabel nixtiek inchellmec.

**Lil S. Agius** (Il Belt).

L-aħjar enciclopedija żgħejra b'it-taljan hi dic ta' Vallardi. "Cognizioni Utili."

Fuk il mina ta Sa Maison ma nafx nirrispondic malajr għaliex bħalec ma nifhimx fl-architettura biss nismagħhom igħidu li hi biċċa xogħol sabiħa ŭisk.

Fuk dac li bgħattli għal gazzetta ma jgħoddx għalija għaliex hu actarx mictub b'it-taljan milli b'il malti u l-ortografija tiegħu ma takbel xejn ma tagħna,

**Lil A, Farrugia** (Imdina).

Malli insib xi ħaġa fuk il ŭegħda li għedtli, inŭiegbec.

**Lil Carm: Mallia** (Raħal Gdid) **u lil Francesco Scicluna** (Ħal Kormi).

It-tŭiegib li bgħattuli għoġobni ħafna u għalecc tistgħu tiġu għal premju "St: John's Church". Nirringrazzjacom għal dac li ctibtuli fuk l-articoli ta'l mara tiegħi; għallankas għaraftu tapprezzaŭ ix-xeŭka tagħha li tagħmel ftit ta'l gid l'in-nisa maltin li minn xi irgiel huma magħduda biss f'id-dar bħala sefturi; u li ma għamiltux bħal xi *puliti* minn Ta's-Sliema li meta il mara tmur b'it-tfal Għar-id-dud jokogħdu jagħmluha ta'l *bravi* u ta'l *helŭin* jinsultaŭha b'ħafna botti vigliacchi.

**Lil G. P.** (Il Belt).

Iva, jecc tcun imsejjaħ b'xhud u tcun rajt jeŭ taf xi ħaġa u biex ma tgħarrakx lil xi ħadd ma tgħidhiex, allavolja ma tcunx mistoksi fukha, tcun kiegħed tieħu ġurament falz u jecc jinchixef li int cont taf b'dic il ħaġa u ma għedtiex biex ittaffi il ħtija ta xi ħadd, tagħli seŭŭa. Ftacar li f'il ġurament ir-Registratur igħidlec li għandec tgħid is-seŭŭa collu, igħifieri ma tnakkas xejn, u jecc tnakkas tcun inkast u ħadt ġurament falz.

**Lil M. G.** (Il Belt).

Għidt li għandec it-tfajjel sfajjar, kiegħed jogħlob, ma jorkodx sħiħ b'il-lejl, jibchi u jirrabja għal cull xejn u naksu l-aptit; u trid taf x'tagħmel ?

Oħorġu m'il l-iscola għal xi żmien, ħallieh jilgħab ma't-tfal, ħudu għal l-arja ta'l baħar, itimgħu ħŭejjeġ sustanzjusi (bajt, ħalib, cicculata u ftit laħam) u fuk collox tieħ xi nofs tużżana fliexchen Burgoyne's Cream Emulsion of Cod Liver Oil li hu aħjar m'il li Scott Emulsion u orħos u tara chif igħaddilu collox.

# Kalb ta' Mara.

Cullħadd faħħar il ħila u il ħeġġa cbira li ŭreŭ il baħrin russi u ingliżi f'Messina u f'Reggio fejn terremot li jŭaħħax kered ma'l mitejn elf ruħ! Iżda xejn la taħsbu li l-irgiel biss meddeŭ idejhom, li l-irgiel biss ŭreŭ ħila u ħniena f'dina id-disgrazzja hecc cbira. Le xi nisa ta min ifaħħarhom ŭreŭ ucoll chemm hi cbira il ħniena ta' klubhom u liema ħila ta'l għageb tista turi mara biex takbeż għal min icun imŭaġġa jeŭ imnicchet. U dana collu gie mnejn m'hux cullħadd chien jistennieh, igifieri minn għand Regina, m'id-dami tagħha u minn uliedha. Irrid nitchellem minn dic il giaŭhra ta'r-rgejjen, ir-Regina Elena ta'l Italja, li għaġġbet l'id-dinja collha b'il ħila u il ħniena li ŭriet u li għalihom b'ir-raġun collu, kalgħet it-tifħir ta'l gazzetti collha u li kalgħet saħansitra decorazzjoni minn għand l-imperatur ta'l Austrija.

Ħafna fatti sbiħ giebu il ġurnali fuk il ħniena u il kalb tajba ta' dina il mara li isimha m'hux biss li ma jmut katt sa' chemm iddum teżisti l-Istorja iżda jibka imbierec u imfaħħar minn cull minn għandu ġo sidru kalb nobbli li tħabbat u tħenn għa'd-dmugħ ta' għajru.

Jiena sejra ingib xi ftit minnhom biex titgħallmu bħali tħobbu u tbiercu dina il giaŭhra l-actar prezzjusa li is-Sultan ta'l Italja għandu f'il curuna glorjusa tiegħu.

Billi it-terremot sar ma's-sebħ, cull min salva sab ruħu bla ilbies, f'bart li jxokk il għadam u f'xita li niżlet b'il kliel. Għaldakstant ŭaħda m'il l-eŭŭel ħŭejjeġ li beda jfittex cull-

# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA

## AGOSTINO LEVANZIN.

Il Hachem għad li chien kiegħed jisma bi ħrara cbira dac li chien kiegħed igħidlu issur Kalamias fuk il Cavalieri iżda moħħu chien dejjem iberren fuk Carmena; u beda italla u jniżżel fuk id-daŭmien ta bintu għaliex katt ma chienet tniccret daks hecc f'il ġranet ta kabel.

Għaldakstant raġa cempel lil Hamid u malli iffaċċa kuddiemu b'rasu baxxuta kallu:—"Hamid, mur m'il l-actar fis għand il Barunissa u ara jecc Carmena hix kegħda hemm tfarraġ lil Marija għaliex cana id-deŭmin tagħha ta'l-lum kiegħed iħassibni li ġralha xi ħaġa...."

Hamid temtem iva bejn snienu, baxxa rasu minnufih biex il Hachem ma jintebaħx b'is-sfura ta'l meŭt li ŭakgħet fuk ŭiccu u biex ma jindunaŭx b'ir-rogħda cbira li kabditu f'ir-cobtejh fittex beŭŭeġ minn kuddiemhu bħal leħħa ta' berka u baka icarŭat it-taraġ sitta, sitta sa ŭasal f'camartu fejn inxteħet fuk soddtu ŭiċċu l-isfel jolfok bħal tarbija.

Hamid ħass li il burraxca kalila li chien kiegħed jistenna ŭaslet biex tfakka fuk rasu, u ħass ucoll l-eŭŭel dakka ta' sicchina ħarxa f'kalbu talli ħa l-imsejcna Carmena f'halk il-lupu. Iżda malajr gie fih in-nifsu u ra li b'il bichi ma chienx sejjer iseŭŭi dic il ħobba imħabbla li chien paspar fl-imchien m'al karrieki De Saqueville, u għalecc inxteħet b'il kegħda fuk is-sodda italla u jniżżel x'għandu jŭiegeb lil Hachem biex ma jintebaħx b'il ħarba ta' Carmena u, fuk collox biex ma jħallieħx ixomm li hu chien il percimes f'dic it-tabxa collha.

Tchexchex b'il biża x'hin għadda bhal leħħa ta berka minn kuddiem għajnejh il ŭiċċ imbergħen ta' Ambroġ li b'ix-xabla misluta, b'dic stess li biha nifed lil Petrozz, f'il ħin li kiegħed joħonku minn griezmu b'ix-xabla chien kiegħed jinfidlu kalbu minn banda għal l-oħra; u għad li dan ma chienx ħlief theŭdin ta' moħħu, iżda ra lil l-Ambroġ hecc ċar kuddiem għajnejh li kam b'il ŭiekfa, iceccec snienu b'il beżgħa cbira li kabditu.

Kam, mesaħ għajnejh m'id-dmugħ u ħareġ il barra biex ħatt minn ta'd-dar ma jmur jintebaħ b'it-tfixchila cbira tiegħu: gibed għal fuk is-Sakkajja daħal ħa bexxa minn għand Toni biex ichecci ftit m'il ħsiebijet coroħ li chienu kiegħdin igħeŭdnulu rasu u biex irabbi ftit ta'l ħila ħalli jcun jiflaħ jilka ġo sidru il killa ta'l Hachem u dic ŭisk actar kalila ta' Ambroġ.

Hareġ minn hemm, dar bħal mibluh xi erba torok biex itaffi ftit m'il beżgħa li chellu fuku, u ŭara li ħejja ruhu m'il l-aħjar li sata resak ŭara il bieb ta'l Barunissa u ħabbat chemm chemm jinstama, f'il ħin li kalbu sgur chienet tħabbat b'il ŭisk actar kaŭŭi.

Bexxkitlu ŭaħda m'il kaddejja u x'hin Hamid staksieha jecc għalli jista jcun Carmena għaddietx hemm m'il kuddies din ŭieġbitu li ma chien għada resket l-hemm xejn.

Hamid għamel ta' b'ir-ruhu li stagħġeb għaliex kal lil dic il kaddejja, li siddtu Carmena katt ma id-daŭŭret daks tant il Grotta, u għalhec chien kiegħed jitbażża li Allaħares katt ġralha xi ħaġa; Kallha ucoll li il Hachem ħa ħsiebha u li malli tigi m'il kuddies, jecc tgħaddi hemm, ifittxu jibgħatuha id-dar għaliex il Hachem chien kiegħed jisterniha.

Il kaddejja kaltlu li ma għandu jieħu ħsieb ta' xejn u tebket il bieb ŭarajha. Hamid ħassu jistrieħ billi dic is-sengħa ta'ż-żeŭġ t'uċuħ ma chienx għadu imchisser b'iż-zejjed fiha, iżda minnufih ŭakgħet m'il ġdid bħal dalma fuk għajnejh x'hin ħaseb li jrid iŭassal lil Hachem dic il bxara tant ħażina u li sgur chienet sejra tgherbu geŭŭa il kabar. Raġa mar fuk is-Sakkajja, poġġa fuk iċ-cint u kagħad iħaddem moħħu x'għandu ipaspar lil Hachem biex dic il bxara tant chiefra ma jtielhux ħabta u sabta, iżda iżerżakhielu b'il mod il mod ħalli ma tantx jieħodha bi cbira.

Inħalluh għal ftit ħin fuk dac iċ-cint italla u jniżżel x'għandu jagħmel u incomplu nisimgħu ftit ieħor dac li is-Sur Kalamias chien kiegħed igħid lil Hachem fuk il Cavalieri.

***

Is-Sur Kalamias, ŭara li Hamid telak biex imur għal Carmena, compla jgħid.

"Il Gran Mastru L-Isle Adam ma chienx għadu fehem b'liema kerk u b'liema ħiena il chiefer Damaral chien kiegħed jatieh daŭc il pariri ħżiena, biss ma satax jakbel f'il fehma miegħu, billi l-ispjun li chellu L-Isle Adam f'Costantinopli chien sgurah li il Gran Sultan chien kiegħed iħejji ruħu dejjem biex f'kasir żmien jaħbat għal Rodi. Għaldakstant bagħat gieb ħafna kmuħ u matmura minn Napli u minn Skallja u ma bagħatx igib porvli għaliex il karrieki Damaral chien kallu li chien għad bakilgħom imħażen mimlija f'il ħin li ma chien xejn minnu. Il Gran Mastru bagħat lil Frasservient Toni Bosio, iz-ziju ta' dac Bosio li chiteb l-Istorja ta'l Ordni, f'Candja biex igib tagħbija imbit u b'reħet hecc jara jistax jicseb xi ftit nies għall għajnuna; u, għad li il Gvernatur venezjan ma riedx jatieh ŭiden biex ma jicsirix ma'l Gran Sultan, Bosio irnexxilu m'hux biss li jcarcar ŭarajh il bastiment ta' Bonaldi imgħobbi bl-imbit iżda ucoll xi ħames mitt ruħ bħala baħrin u magħhom il famus inginjier Grabiel Martinengo, li chien kiegħed hemm imħallas tajjeb m'il Venezjani biex jieħu ħsieb is-sŭar ta Candja.

(*Jissocta.*)

---

F'iċ-**Circolo Brittannia** ta'l Furjana nhar is-Sibt (30) u nhar il Hadd (31) li gejjin sejjer isir programm sabiħ ħafna b'iċ-Cinematografu; il pellicola tŭila fuk l-elf metru u s'issa għadu ħadd ma gieb ŭaħda interessanti daksha. Dina turi il ħsara ta' Messina u ta' Reggio; chif chienu daŭna l-ibliet kabel it-terremot; il vapur-ta'l-art imchisser u mitfugħ il baħar; il baħrin russi u ingliżi kiegħdin isalvaŭ in-nies; il kliegħ ta'l catavri minn taħt ir-radam; il catavri meħudin għa'd-difna u ħafna xeni oħra interessanti.

Ir-rappresentazzjonijiet isiru ŭaħda f'it-3; oħra f'il 5, u l-aħħar ŭaħda f'is-7 ta' f'il għaxija. Min imur jara ħaġa interessanti tasseŭ.

# LIL L'IMSIEĦBIN

BEJN DAŬC COLLHA LI ĠA ĦALLSU JEŬ LI JCUNU ĦALLSU, L-EŬŬEL SITT XHUR SA' L-AĦĦAR TA' JANNAR, *BASTA JIĠU MINN JEDDHOM,* TINTRAFA COPJA OĦRA TA'D-DIZZJUNARJU INGLIŻ U TALJAN, ILLEGAT SABIĦ, BĦAL DAC LI TAJT GĦAL LOGĦOB.

LIL MIN MA JCUNX ĦALLAS NIBGĦATLU SANTA MINN DAŬC TA'L KORTI GĦALIEX IL ĠURNAL MA JZOMMX B'IR-RIEĦ.

FTACRU LI IL ĦLAS HU B'IL KUDDIEM U MA GĦANDIX NIĠRI ŬARAJCOM JIEN U NAGĦMEL ĦAFNA SPEJJES GĦALIEX SPEJJES IL ĠURNAL FIH B'IŻŻEJJED.

MIN IRID JIBGĦAT BOLLI TA'T-TLIETA F'LOC FLUS JISTA.

MIN JISSIEĦEB ĠDID U JCUN IRID IN-NUMRI TA KABEL GĦANDI MNEJN NATIHOMLU (B'IL ĦLAS).

★

ĦAREĠ IL CTIEB SABIĦ

**"IL MAĦBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR. B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GĦALCHEMM FIH FUK IL GĦOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEĦ **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN ĦA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGĦBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEĦ UIEĦED MEĦJUT U LEST. IXTRUĦ ĦALLI TAKRAU CTIEB TASSEŬ SABIĦ.

A. LEVANZIN.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qualità jixtri daŭn li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieħ sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b irħis.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu talluġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

It-tabib Enrico Cauchi ta' Bormla għamel cors barra minn Malta biex jeżamina l-urina seŭŭa. Għalecc min irid jeżamina l-urina tiegħu chif titlob ix-xjenza jmur għandu, fuk Santa Margherita, u jonfok flusu f'is-sod.

Min irid jixtri xogħlijiet tasseŭ sbieħ ta'l archett imur f'il Crystal Palace Hotel, Piazza Chiesa, Ħal-Luka, għand Ghejtu Camilleri.

Min irid jixtri gażużi u birra ibbottiljata m'il l-aħjar imur għand Fonsu Borin, Str. St. Antonio, il Birgu.

Min irid jixtri bi rħis machinetta li tagħmel timbri ta'l cauxù imur għand Filippu Verzin, 31 Str. Reale, il Ħamrun.

Dar għal chiri fi Str. Sta. Margherita, No 21A, Bormla. Morru għand G. Azzopardi, ta'd deheb, Piazza Gavino Gulia.

Jecc xi ħadd irid jinkeda b'cummari tajba jsejjaħ l'is-Sinjura F. Theuma Grima ta'l Ħamrun (27 Str. Reale) u joħroġ cuntent.

Jecc xi ħadd irid jitgħallem jagħmel xorbijiet bi rħis u m'il l-aħjar imur għand Adrian Sammut ta' Piazza St. Agostino ta'l Ħamrun.

Min irid ikatta tasseŭ nofs siegħa mogħdija ta'ż-żmien u jieħu pjacir imur jeŭ ic-Cinematografu-Cummerċ jeŭ f'ic-Cinema Iperia ta' Strada Rjali għaliex it-tnejn icollhom dejjem pellicoli m'il l-isbaħ.

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-aħjar imur għand Agius u Galea, 1B Strada Levante, il Belt u jtenni.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faċċata, sabiħ ŭisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibgħat Għaŭdex, il Kala, għand Dun Manŭel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il ŭieħed, bi't-tuzzana 10 soldi.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridutpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.